**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Nru : 476/15 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Jannar 1990 u minn dann iz-zwieg ghandhom tifla S li llum hija maggorenni;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment fis-16 ta' Marzu 2004 u ghalhekk ilhom mhux flimkien ghal iktar minn erba` snin, Dok. MA 1 ;

3. Illi ma hemm ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn 4 snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemmx diffikultajiet dwar manteniment tal-bint u wisq inqas tal-intimata;

5. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-konjugi B;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal dan il-ghan mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara :

1. Illi l-esponenti tikkonferma l-ewwel premessa tar-rikorrent;
2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames premessi tar-rikorrenti;
3. Illi, ghalhekk l-esponenti taqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-hall taz-zwieg bejn il-konjugi, b'dana illi l-esponenti tixtieq tirriveri ghal kunjom xbubitha "S".

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2015;

Semghet lir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S.  Il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu il-passi kollha f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Marzu 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.